MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Numru. 337/2006

Il-PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
NOEL FRENDO
GRACE CINI

Il- Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Frendo ta’ 29 sena imwieled Pieta` 11/12/1975 bin il-mejjet Domenic u Mary nee` Catania u residenti 362 Main Street Mosta detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 63276M ;

u Grace Cini ta’ 35 sena mwielda Pieta` 16/04/1971 bint Joseph u Giovanna nee` Azzopardi u residenti 362, Main Street Mosta detentrici tal-karta ta’ l-identita` numru 0200971M

Billi huma akkuzati talli, f’dawn il-gzejjer nhar il-21/06/2004 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer ghamlu uzu minn vettura numru JAE 125 tal-ghamla Ford Escort meta l-istess vettura ma kienetx koperta b’polza tas-sigurta` dwar riskju ta’ terzi persuni;

Ghamlu uzu tal-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata ghas-sena kurrenti kif ukoll minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni.

U lil Noel Frendo wahdu talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor iffalsifikat u cioe` licenzja tal-vettura JAE 125.

Talli kien ricediv billi kiser sentenza moghtija lilu fis-27/10/2003 mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D. fejn kien moghti sentenza ta’ xahrejn prigunerija sospizi ghall-18-il xahar.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tiskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan lil Noel Frendo u Grace Cini ghall-perjodu li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti ezebiti fl-atti kontra l-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Theresa Sciberras esebiet il-kunsens tal-Avukat Generali TS u l-fedina penali taz-zewg imputati DOK TS1, u DOK TS 2; waqt li l-istqarrija ta’ l-imputata Grace Cini giet ezebita u mmarkata bhala DOK TS 3.  Grace Cini (fol 128) ghazlet li ma tirrispondi ebda domanda li saritilha.  Fl-istqarrija tieghu, Noel Frendo DOK TS 4 fol 30 et seq jghid illi l-vettura JAE 125 kienet tat-tfajla tieghu, il-ko-

imputata – li kienet tghix mieghu. Hu stqarr illi din il-karozza kienet tintuza minnu u minn Cini.

L-imputat stqarr illi hu kien mar l-ghassa tal-Mosta biex jiffirma il-Bail Book b'din l-istess karozza u l-pulizija kienu ezaminaw il-licenzja u sabu illi kienet licenzja ta' karozza ohra – cioe` HAD 892. Noel Frendo stqarr illi din il-licenzja kienet ta' habib tieghu li sellifielu il-ghaliex il-licenzja tal-karozza tieghu (ta' Frendo) kienet skadiet.

Noel Frendo stqarr illi mwahhla taht din il-licenzja, kien hemm licenzja ohra tas-sena 2001 li kienet mbaghbsa biex tidher 2004. Frendo ddikjara li hu kien baghbas din il-licenzja ghal xi jumejn u wara, wahhal il-licenzja ta' siehbu. Frendo stqarr illi Cini ma kienet taf xejn dwar dan.

WPS 41 Anne Marie Micallef xehdet illi kien sar rapport minn certu Paul Abela ta' Riteway, Triq d-Dawr, Mosta, li kien dahal tifel jixtri xi te` u halib, hallas permezz ta' Lm10 u kif rcieva l-bqija, hareg jigri 'l barra. Abela ezamina l-Lm10 u sab li kienet falza u hareg jigri wara t-tifel u rah diehel go karozza JAE 125.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li din il-karozza kienet proprjeta` ta' Grace Cini izda tintuza minn Noel Frendo (fol 33). L-okkorrenza giet ezebita bhala Dok WPS (fol 35).

PS 715 Lucian Gatt a fol 40 ikkonferma l-istatement ta' Noel Frendo li ghazel li ma jiffirmahiex.

PC 306 Alfred Abela kkonferma l-istqarrija ta' Grace Cini.

Paul Abela ta' Riteway Store Mosta kkonferma x-xhieda ta' PS Micallef, kkonferma x-xirja mit-tifel, li dan tah Lm10, li harab u dahal go karoza li n-numru taghha kien JAE 125. Abela kkonferma li kien ghadda l-Lm10 falza lill-pulizija.

L-Ispettur Joseph Mercieca kkonferma li kien dahal rapport dwar Lm10 falza u kien kellem lil Grace Cini izda

ma setghetx tiftakar aktar dettalji ghax kien gie trasferit ghal sezzjoni ohra.

Robert Mifsud, mis-Central Bank – *counterfeit section*, xehed illi fl-2004 il-bank kien ircieva 202 *counterfeit notes* ta' Lm10 bl-istess *serial number* C-44719513. Hamsa minn 202 kienu gew mghoddija mill-ghassa tal-pulizija tal-Qawra.

Stephen Cachia, addett mad-Direttorat Licenzji u Testijiet kkonferma a fol 72 illi l-vettura JAE 125 kienet registrata f'isem Grace Cini mill-5 ta' Settembru 2001 u ezebixxa Dok SC a fol 74.

Dr John Zammit Montebello a fol 79 xehed dwar il-progress illi kien ghamel Noel Frendo fil-programm tas-Sato, li kien ppartecipa fi programmi tal-ETC f'*course* ta' *spray painting* u kien supervisor ta' programmi.

John Testa Probation Officer kkonferma l-progress siewi tal-imputat Frendo li kien ghadda l-*course* ta' *spray painting* mill-ETC b'success – ara certifikat (JT).

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata Grace Cini tinstab mixlija li ghamlet uzu ta' karozza JAE 125 meta din ma kienetx koperta b'licenzja jew b'polza ta' assikurazzjoni.

Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' dinil-Qorti, l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda testimonjanza biex b'xi mod tipprova li Grace Cini kienet effettivament saqet tali karozza. Hadd ma tela' fuq il-pedana tax-xhieda jghid li raha ssuq din il-karozza fiz-zmien indikat fl-akkuza.

L-imputat Frendo gie mixli li ghamel falsifikazzjoni ta' licenzja w uzu ta' licenzja falsifikata.

**Mill-provi prodotti – <u>ebda licenzja</u> – falsifikata o meno ma giet ezebita mill-Prosekuzzjoni**. Ghaldaqstant ebda ezami fuq dan id-dokument ma setgha jsir minn esperti

nominati sabiex il-Qorti tkun tista’ **<u>tibda</u>** biex tivverifika l-awtenticita` ta’ dan id-dokument elussiv.

L-imputat Noel Frendo ghazel li **ma jiffirmax** l-stqarrija tieghu u **ghalhekk dak li setgha qal fl-istqarrija esebita u ma ghandha ebda valura probatorju.**

Huwa superflu li jinghad li mankanti s-sejba ta’ htija fl-akkuza ta’ falsifikazzjoni –u/jew uzu ta’ dokument falsifikat, ebda htija dwar l-akkuza ta’ricediva ma tista’ treggi.

Hemm provi sgjaccanti pero` illi l-imputat Frendo kien qed isuq karozza minghajr ma kienet koperta b’licenzja u ghalhekk minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni kontra terzi.

Ghal dawn il-motivi issib lil Grace Cini mhux hatja skont l-akkuza u tilliberaha; issib lil Noel Frendo hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza u wara li rat l-Artikolu 15 Kap 65 u Artikolu 3 Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Frendo ihallas multa ta’ €582 u tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat Frendo gha perjodu ta’ sitt xhur. Il-multa ghandha tithallas b‘rati mensili fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------